# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa

# Ta' Marija, Burmarrad

**50 Sena Konsagrazzjoni Tal-Knisja Parrokkjali 1964-2014**



*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Awwissu/Settembru 2014 - Nru. 378*



Għeżież,

Kulħadd jaf kemm il-Papa Franġisku jħobb lill-fqar. Fil-fatt, fil-Vatikan hemm Monsinjur li jieħu ħsieb il-karita' u jqassam il-flus f'diversi opri ta' għajnuna lill-fqar mad-dinja kollha.

Dan l-aħħar saret intervista lil dan il-Monsinjur, fejn fost l-oħrajn jirrakonta kif il-Papa Franġisku jrid li ssir il-karita'. Dan il-Monsinjur m'huwiex ħlief l-Isqof Krajewski, magħruf minn kulħadd ġewwa l-Vatikan bħala Don Corrado. Huwa l-id karitattiva tal-Papa u hu mfittex ħafna minn min hu fil-bżonn tal-għajnuna. Il-Papa Franġisku kien li għamlu Isqof għax kien jaf li kien jaħdem ħafna biex jgħin u jitma' lin-nies fil-bżonn li jkunu fl-inħawi tal-Vatikan.

F'din l-intervista, l-Isqof Krajewski jkompli jgħid li kważi kuljum il-Papa jibgħatli l-envelopes li fihom ikun hemm it-talbiet għall-għajnuna u spiss jikteb fuqhom, **'int taf x'għandek tagħmel'**. Fis-sena 2013 il-Fond Pontifiċju tal-Vatikan għen 6500 każ b'total ta' miljun euro. Imma issa dawn iċ-ċifri qegħdin jirduppjaw. Ikompli jirrakonta l-Isqof Krajewski li l-Papa Franġisku qallu biex fil-kont tal-karita' m'għandux ikun hemm flus, u li m'għandekx tfaddal jew tinvesti, imma għandek tonfoq u tuża l-flus. Dejjem jgħidli: **'Il-kaxxa tiegħek tkun tajba meta tkun vojta.'** Jgħid ukoll Krajewski kif involva lill-Gwardji Żvizzeri biex jagħtu daqqa t'id bil-lejl man-nies fil-bżonn, fil-ħin meta ma kinux ikunu fuq xogħol.

Fl-aħħar tal-intervista, jirrakonta l-istorja marbuta mal-famuża kuruna f'kaxxa żgħira li ġiet imqassma lil eluf ta' nies fil-pjazza tal-Vatikan waqt l-Angelus tal-Ħadd fil-għodu f'wieħed mill-Ħdud ta' Frar, u li l-Papa sejħilha Mediċina. *'Kien waqqafni president ta' Fondazzjoni li jiena kont naf u dan offra li jħallas kollox hu, għax f'ħajtu qatt ma kien għamel karita'.'*

J'Alla l-eżempju ta' dan il-Papa jkompli jqanqalna għall-bżonnijiet ta' ħutna kollha, l-aktar dawk li huma foqra u batuti. Il-kumplament tas-sajf it-tajjeb!

Il-Mulej iberikhom!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# ĦAJJA U ĦIDMA - Awwissu 2014

**Il-Ġimgħa 1** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.** Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 2** L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Il-librerija tkun miftuħa bejn l-10.00am u 12.00pm. Fis-6.00pm – Fil-Parroċċa tibda l-Adorazzjoni tal-Ewwel Sibt tax-xahar.

**It-Tnejn 4** Fl-10.00am – it-Tieni Laqgħa mill-Aġenzija Appoġġ dwar il-Komunikazzjoni u r-Relazzjoni ta' bejn il-ġenituri u l-ulied fiċ-Ċentru Parrokjali.

**Il-Ħadd 10** Fl-10.30am – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokjali.

**Il-Ħamis 14** Lejlet is-Solennita' tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija. Il-Quddiesa tas-7.00pm tkun tgħodd għall-għada.

**Il-Ġimgħa 15** **Jum is-Solennita' tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija**. Il-Quddies fil-Parroċċa jkun fis-6.00am, 8.30am u fis-7.00pm.

**Is-Sibt 23** Il-ġbir li jsir f'dan il-weekend ikun
**u l-Ħadd 24** b'risq il-Missjoni l-gdida fl-Indja.

**It-Tlieta 26** Fis-6.00pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Is-Sibt 30** Il-ġabra f'dan l-aħħar weekend tax-xahar tkun b'risq

**u l-Ħadd 31** il-Parroċċa tagħna, speċjalment għall-konsum tal-Arja Kkondizzjonata.

**San Ġużepp ta' Copertino**
**Il-Protettur tal-Istudenti**
**Il-Ħamis 18 ta' Settembru fis-7.00pm**
**Quddiesa fil-Parroċċa**
**inġibu l-basktijiet tal-iskola biex**
**inberkuhom qabel tibda l-Iskola**



# ĦAJJA U ĦIDMA - Settembru 2014

**Il-Ħamis 4** **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Il-ħin jitħabbar fl-avviżi ta' kull ġimgħa.

**Il-Ġimgħa 5** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 6** L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija. Ma jkunx hawn Adorazzjoni tal-Ewwel Sibt tax-xahar. Fil-5.30pm – Żwieġ fil-Parroċċa.

**Il-Ħadd 7** Fil-5.30pm Żwieġ fil-Parroċċa.

**It-Tnejn 8** **Jum it-Twelid tal-Madonna**. Fit-8.30am Quddiesa Extra.

**Il-Ġimgħa 12** Issir il-Professjoni Solenni ta' Fra Ġorġ Micallef ofm. Conv. fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Nitolbu għalih.

**Il-Ġimgħa 12, Is-Sibt 13 u l-Ħadd 14** Żommu dawn il-ġranet liberi għax se tiġi għal darb'oħra organizzata FESTA GHALL-FAMILJA kollha għal kulħadd fiċ-Ċentru Parrokkjali. Niltaqgħu.

**Il-Ħamis 18** Festa ta' San Ġużepp ta' Copertino. Fis-7.00pm issir quddiesa mmexxija minn P.Christian Borg ofm.conv. Ikanta l-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija. It-tfal huma mħeġġa biex jiġu mal-ġenituri tagħhom u jġibu l-basktijiet tal-iskola sabiex inberkuhom qabel tibda l-iskola.

**Is-Sibt 20 u l-Ħadd 21** Ġabra speċjali b'risq l-Art Imqaddsa.

Fl-10.30am – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**It-Tnejn 22** Terġa' tibda d-Duttrina fil-Mużew tal-Bniet u fiċ-Ċentru Parrokkjali. Araw l-aħħar paġna għad-dettalji.

**Is-Sibt 27 u l-Ħadd 28** F'dan il-weekend issir il-ġabra b'risq il-Parroċċa tagħna.

**It-Tnejn 29** **Jum il-Festa tal-Arkanġlu San Mikiel**

Fis-6.00pm Quddiesa fil-Kappella tal-Imdawra bil-kant mill-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija. **Duttrina ma ssirx imma t-tfal imħeġġa jattendu mal-ġenituri.**

**It-Tlieta 30** Fis-6.00pm Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

Fis-7.30pm Kunsill Parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali.

## DUTTRINA SENA KATEKETIKA 2014-2015

- Nixtiequ ninfurmawkom li l-ġranet tal-katekiżmu li se jibda fit-22 ta' Settembru se jkunu hekk:
- It-tfal li se jkunu year 1 ikollhom nhar ta' Ġimgħa fil-Mużew mas-Soċja Ġuditta Gauċi. Il-Ħamis 18 ta' Settembru wara l-quddiesa dawn it-tfal mal-ġenituri jidħlu fil-crying room biex jirreġistraw lit-tfal u mitluba jġibu magħhom ċertifikat tal-magħmudija.
- It-tfal li se jkunu year 2, 3, 4 u 5 ikollhom nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa fil-Mużew ma' Mrs Lucy Borg, Mrs Mary Grech, Ms Nancy Gatt u Mrs Connie Buongiovanni.
- It-tfal li se jkunu year 6 ikollhom nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis fil-Mużew mas-Superjura Carmen Xuereb.
- It-tfal tal-Form 1 ikollhom il-lezzjonijiet fiċ-Ċentru Parrokkjali kull nhar ta' Tlieta biss iżda l-ħin ikun ta' siegħa u nofs. Se jmexxi lil dawn it-tfal għall-Griżma Fr. Christian Borg ofm.conv.
- Il-ħin jibqa' bħas-soltu, jiġifieri 5.30pm ħin tas-sajf u 4.30pm ħin tax-xitwa.

**Nirringrazzjaw minn qalbna lis-Sinjura Mary Agius tal-kontribut siewi li dejjem tat, u l-impenn u d-dedikazzjoni kbira tagħha fit-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal tal-aħħar sena li jkunu ser jersqu għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Grazzi Mary!**

# *Il-FIDI TA' ROSE KENNEDY*

Rose Kennedy (1890-1995) twieldet ġo familja Kattolika Irlandiża li kienu emigraw lejn l-Amerka. Missierha kien is-Sindku ta' Boston. Ta' erbgħa u għoxrin sena, Rose iżżewġet lil Joseph Kennedy, negozjant u investitur, u flimkien dawn kellhom disat itfal. Wieħed minn uliedhom, John F. Kennedy, kien sar il-President tal-Amerka.



Joseph Kennedy, ir-raġel ta' Rose, kien tat-tajjeb u qatt ma ħalla lill-familja nieqsa minn xejn. Madankollu, hu ma kienx lejali lejn martu u kellu diversi relazzjonijiet ma' nisa oħra. M'għandniex xi ngħidu, din l-infedelta' ta' żewġha tatha ġewwa lil Rose u kien hemm perjodu f'ħajjitha fejn kienet saret dipendenti mill-mediċini biex tegħleb l-inkwiet u tkompli għaddejja.

Rose kienet Kattolika prattikanti u l-quddiesa ma kinitx titlifha. Kienet anki tieħu lil uliedha magħha. Hi kienet ukoll spiss titlob bir-Ružarju. Rose kienet tgħid li hi tħossha kompletament sodisfatta bħala mara tad-dar. Fil-ktieb dwar ħajjitha qalet hekk: ***'Jien inħares lejn it-trobbija tat-tfal mhux biss bħala xogħol ta' dmir u ta' mħabba, imma bħala professjoni verament interessanti u li tisfidak...hi professjoni ta' unur li titlob li tagħti l-aqwa tiegħek. X'hemm isbaħ għal omm milli trabbi lit-tifel jew tifla tagħha?'*** Dwar uliedha darba qalet hekk: ***'Jien ngħid lili nnifsi li Alla lil uliedi tahom ħafna rigali – spirtu kuraġġjuż, ġmiel, intelliġenza, il-kapaċita' li jagħmlu l-ħbieb u li jkunu rispettati. Rigal wieħed biss żamm lura milli jagħtihom – għomor twil.'***

Meta kellha 93 sena, Rose Kennedy sofriet minn stroke li ħallietha f'wheelchair għal ħdax-il sena sħaħ, il-kumplament ta' ħajjitha, meta imbagħad mietet ta' 104 snin. Hi għexet 25 sena aktar minn żewġha u ħalliet warajha ħamsa mid-disat itfal li kellha, 26 neputijiet u 42 pro-neputijiet.

Rose Kennedy qalet hekk: ***'Jiena dejjem emmint li Alla qatt ma jagħtina salib itqal milli nifilħu. Jiġri x'jiġri, hu jridna nkunu ferħanin, mhux***

***imdejqin. L-għasafar jgħannu wara l-maltemp. Għaliex aħna le?'*** Dan il-kliem ta' fidi u tama Rose għexitu bis-sħiħ, għax Rose kienet taf xi tfisser li ssofri.

Minbarra l-infedelta' minn naħa ta' żewġha Joseph, Rose sofriet tbatijiet oħrajn.

- Binha l-kbir Joe miet traġikament ta' 29 sena fi splużjoni ta' ajruplan li kien qiegħed isuq waqt missjoni perikoluża fit-Tieni Gwerra Dinjija.
- Bintha Rose għamlet operazzjoni ta' 23 sena, fejn tneħħielha parti mill-moħħ. Wara l-operazzjoni t-tfajla baqgħet b'diżabilita' serja u spiċċat fi sptar fejn mietet ta' 87 sena.
- Binha John ġie assassinat f'Dallas Texas fl-eta' ta' 46 sena, matul il-Presidenza tiegħu. Hu ħalla warajh mara żagħżugħa u żewġt itfal żgħar.
- Bintha Kathleen mietet ta' 28 sena fi Franza meta ġġarraf l-ajruplan li kienet qegħda fuqu.
- Binha Robert miet maqtul ta' 43 sena f'Los Angeles. Meta Rose waslitilha l-aħbar tal-assassinju ta' Robert, hi rrispondiet: 'Forsi kieku Robert baqa' ħaj, forsi kien se joffendi lil Alla.'
- Binha Teddy weġġa' gravi f'tiġrif t'ajruplan fl-1964 u l-istess Teddy snin wara waqa' bil-karozza b'kollox minn fuq pont u qatel lil tfajla li kienet passiġġiera miegħu.
- In-neputi Joe inqaleb b'Jeep u pparalizza lit-tfajla tiegħu fl-1973.
- In-neputi Robert arrestat fl-1983 fuq pussess ta' droga.
- In-neputi David miet fl-1984 wara li ħa overdose ta' droga.

Kif nistgħu nifhmu, Rose Kennedy sofriet, u sofriet bil-kbir. Madankollu, minkejja kollox, xorta kellha l-kuraġġ u l-fidi li tgħid dan il-kliem, li deher fir-revista Amerikana *Newsweek:* ***'Jien inħoss li għandi nirrifjuta li qatt inħossni imwerwra. Jien għandi nirrifjuta li nkun megħluba jew qalbi maqtugħa u għandi jkolli l-fidi li kollox se jkun sew għax aħna lkoll qegħdin f'idejn Alla.'***

# Tajjeb Tkun Taf

- Prosit kbira u grazzi mill-qalb lil kulħadd tal-Festi sbieħ li ġew organizzati ad unur il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija. J'Alla l-frott li inżera' ġewwa fina nkomplu ngħixuh is-sena kollha.

- F'isem P.David Cortis OSA....Grazzi! Grazzi tal-Festa sabiħa li għamilnielu u talli bi ħġarna tajnieh merħba sabiħa fil-Parroċċa tagħna nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

- Dawn huma ż-żgħażagħ adulti li rċevew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof nhar il-Ħadd 1 ta' Ġunju 2014 minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP.

  Ritianne Aquilina
  Matthias Bonnici
  Ryan Borg
  Nicole Camilleri
  Trudy Camilleri

  

  Amy Grech
  Jake Saliba
  Nicholas Sciberras
  Ryan Spencer
  Thea Zarb

- Dawn huma t-tfal li rċevew l-Ewwel Tqarbina nhar il-Ħadd 15 ta' Ġunju 2014

  Thomas Barthet
  Maria Christina Bianco
  Enrique Bonnici
  Francesca Bonnici
  Kathleen Bonnici Gauċi
  Jake Borg
  Zea Friggieri

  

  Maria Grech
  Mark Joseph Hili
  Etoile Ella Muscat
  Soleil Sophie Muscat
  Skye Sperandeo
  Sondji Verzin
  Sven Zarb

Ryan Cortis irċieva l-Ewwel Tqarbin nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2014 f'Jum il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr taz-ziju tiegħu P.David Cortis OSA.

**Tel: 21573045/ Fax:21578118** **Mobile: 77622275**
**www.parroċċaburmarrad.com** **email:kappillan@parroċċaburmarrad.com**
**https://www.facebook.com/parroccaburmarrad**